KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' Frar 2008

li tirrevoka d-Deċiżjoni 2007/683/KE li tapprova l-pjan għall-qerda tad-deni klassiku tal-ħnieżer fi ħnieżer slavaġ f'ċerti żoni ta' l-Ungerija

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 675)

(It-test Ungeriż biss huwa awtentiku)

(2008/159/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2001/89/KE tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-miżuri tal-Komunità għall-kontroll tal-marda ta' l-infafet vesikolari (deni klassiku) tal-ħnieżer [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 16(1) tagħha,

Billi,

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/683/KE [2] ġiet adottata bħala waħda minn għadd ta' miżuri biex jiġi miġġieled id-deni klassiku tal-ħnieżer.

(2) Is-Slovakkja għarrfet lill-Kummissjoni bl-iżvilupp reċenti ta' din il-marda fi ħnieżer slavaġ f'ċerti żoni li jinsabu mal-fruntieri ta' l-Ungerija.

(3) L-Ungerija għarrfet lill-Kummissjoni li fid-dawl tas-sitwazzjoni epidemjoloġika, il-miżuri ddefiniti fil-pjan ta' eradikazzjoni tad-deni klassiku tal-ħnieżer fi ħnieżer slavaġ jeħtiġilhom li jiġu estiżi għal ċerti żoni tal-Kontea ta' Pest fl-Ungerija.

(4) Id-Deċiżjoni 2007/683/KE għalhekk għandha tkun emendata skond dan.

(5) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni 2007/683/KE jinbidel bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta' l-Ungerija.

Magħmula fi Brussell, 22 ta' Frar 2008.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 316, 1.12.2001, p. 5. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/729/KE (ĠU L 294, 13.11.2007, p. 26).

[2] ĠU L 281, 25.10.2007, p. 27.

ANNESS

"L-ANNESS

Żoni fejn il-pjan għall-eradikazzjoni tad-deni klassiku tal-ħnieżer fi ħanżir salvaġġ għandu jiġi implimentat:

It-territorju tal-kontea ta' Nógrád u t-territorju tal-kontea ta' Pest li tinsab fit-tramuntana u fil-lvant tad-Danubju, fin-nofsinhar tal-fruntiera mas-Slovakkja, fil-punent tal-fruntiera mal-kontea ta' Nógrád u fit-tramuntana ta' l-awtostrada E 71."